



---

*Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonal*

---

**2018/2262(INI)**

4.2.2019

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonal

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-Ftehim Qafas Istituzzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni  
Żvizzera  
(2018/2262(INI))

Rapporteur għal opinjoni (\*) Tiziana Beghin

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-UE hija s-sieħba kummerċjali ewlenija tal-Iżvizzera, li tammonta għal 52 % tal-esportazzjonijiet tagħha u għal aktar minn 71 % tal-importazzjonijiet tagħha, u li l-kummerċ fil-merkanzija skont il-ftehim kummerċjali bilaterali attwali jammonta għal mhux inqas minn CHF 1 biljun kull jum<sup>1</sup>; billi l-Iżvizzera hija t-tielet l-akbar sieħba kummerċjali tal-UE, li tammonta għal 7 % tal-kummerċ tagħha;
2. Jilqa' l-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Ftehim Qafas Istituzzjonali (IFA) bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera fit-23 ta' Novembru 2018; jappella sabiex isiru konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, skont it-tradizzjonijiet demokratiċi u l-prinċipji kostituzzjonali, kif mitlub mill-Kunsill Federali fis-7 ta' Diċembru 2018; jitlob li l-proċeduri biex tiġi modernizzata u tkompli tespan di aktar ir-relazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera jinbdew mingħajr dewmien, sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali tagħha u jiġi garantit aċċess kontinwu għall-kumpaniji Żvizzeri għas-Suq Uniku, u biex ikunu jistgħu jitkomplew u jiġu ffaċilitati n-negozjati settorjali li għaddejjin;
3. Jesprimi d-dispjaċir tiegħu għall-fatt li l-Kummissjoni ma bagħtietx it-test negozjat tal-Ftehim Qafas bejn l-UE u l-Iżvizzera, kif finalizzat f'Novembru 2018, lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ Internazzjonali; jitlob lill-Kummissjoni tibgħat dawn id-dokumenti mingħajr dewmien;
4. Jirrikonoxxi l-ħtieġa għal Ftehim Qafas Istituzzjonali, peress li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera hija bbażata fuq sistema kumplessa ta' 120 ftehim spċifici għas-servi, b'hekk koerenza addizzjonali u ċertezza legali tkun ta' beneficiju għall-partijiet kollha;
5. Jilqa' bil-qawwa d-dikjarazzjoni politika ta' intenzjoni biex jiġi modernizzat l-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi u l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Iżvizzera tal-1972, u jappoġġa l-ambizzjoni li tinkiseb sħubija kummerċjali riveduta li tkun tinkeludi oqsma bħas-servizzi li huma lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-IFA u li huma koperti parżjalment biss mill-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni (AFMP), fosthom l-aspetti digiżi, id-Drittijiet tal-Proprijetà Intellettuali (IPR), il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, ir-rikonoxximent reċiproku tal-valutazzjonijiet u l-akkwist pubbliku, flimkien ma' kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbi; jitlob kooperazzjoni ulterjuri sabiex jiġu protetti l-indikazzjonijiet ġeografiċi u jiġi estiż il-mekkaniżmu modern u affidabbli ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn Stat u ieħor inkluż fl-abbozz tal-IFA biex ikopri r-relazzjoni kummerċjali bilaterali futura u jsolvi b'mod effiċċenti l-ostakoli kummerċjali bejn il-partijiet;
6. Huwa konxju li ma hemm l-ebda ftehim komprensiv dwar is-servizzi fis-seħħ bejn l-UE u l-Iżvizzera u li s-servizzi huma koperti parżjalment biss permezz tal-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni, li juri li hemm potenzjal għal aktar żvilupp;
7. Jinnota li l-Iżvizzera takkolji l-ogħla percēntwal ta' ħaddiem transfruntiera mill-UE, u

<sup>1</sup> [https://www.eda.admin.ch/dam/dea/en/documents/abkommen/InstA-Wichtigste-in-Kuerze\\_en.pdf](https://www.eda.admin.ch/dam/dea/en/documents/abkommen/InstA-Wichtigste-in-Kuerze_en.pdf)

jistieden lill-UE u lill-Gvern Żvizzeru jtejbu l-miżuri tal-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni billi jinkludu "Karta dwar il-ħaddiema transfruntiera" li tistabbilixxi dispożizzjonijiet vinkolanti li jkopru, fost oħrajn, drittijiet bażiċi relatati max-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ivvjaġġar, trasferiment tal-benefiċċji tal-qgħad u kwistjonijiet dwar it-tassazzjoni doppja; ifakkar li l-UE għandha tinkoraġġixxi lill-Iżvizzera biex ittejjeb it-trattament tagħha tal-ħaddiema transfruntiera;

8. Jistieden lill-partijiet jorganizzaw malajr kemm jista' jkun laqgħa interparlamentari tal-leġiżlaturi kemm mill-UE kif ukoll mill-Iżvizzera sabiex jiġu diskussi l-kwistjonijiet kollha relatati ma' dan il-ftehim;
9. Jilqa' l-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar it-taxxa li se tirrestrinġi reġimi tat-taxxa preferenzjali u se tqarreb il-prattiki lejn l-standards internazzjonali, u jittama li jkun hemm riżultat pożittiv fil-votazzjoni popolari li jmiss fl-Iżvizzera; jissottolinja l-ħtieġa li tkompli titjieb il-kooperazzjoni sabiex tiġi miġġielda l-evażjoni tat-taxxa u tissaħħaħ il-ġustizzja tat-taxxa;
10. Jistieden lill-Iżvizzera tkompli l-ħidma tagħha fuq l-Istrateġija Żvizzera Digideli, bil-ġhan li tkun allinjata mas-Suq Uniku Digideli tal-UE;
11. Jieħu nota tal-liġi riveduta dwar l-akkwist pubbliku adottata fl-2017 fil-Kanton ta' Ticino, li għandha tkun konformi mal-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Akkwisti Pubbliċi u l-ftehim settorjali bejn l-UE u l-Iżvizzera rilevanti, li daħal fis-seħħ fl-2002; iħeġġeġ bil-qawwa lill-awtoritajiet kontraenti jittrattaw lill-fornituri u lill-fornituri tas-servizzi tal-UE b'mod mhux diskriminatorju, anke f'każiċċieta' ta' akkwist taħt il-livell limitu;

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	4.2.2019	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	19 8 1
<b>Membri preženti ghall-votazzjoni finali</b>	Maria Arena, Tiziana Beghin, David Campbell Bannerman, Salvatore Cicu, Santiago Fisas Ayxelà, Eleonora Forenza, Karoline Graswander-Hainz, Christophe Hansen, Heidi Hautala, France Jamet, Patricia Lalonde, Bernd Lange, Sorin Moisă, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Tokia Saïfi, Helmut Scholz, Joachim Schuster, William (The Earl of) Dartmouth, Iuliu Winkler, Jan Zahradil	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Klaus Buchner, Ralph Packet, Paul Rübig, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Lola Sánchez Caldentey	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Stefan Gehrold, Ingeborg Gräßle, Ralph Packet	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>19</b>	<b>+</b>
ALDE	Patricia Lalonde
ENF	France Jamet
PPE	Salvatore Cicu, Santiago Fisas Ayxelà, Stefan Gehrold, Ingeborg Gräßle, Christophe Hansen, Sorin Moisă, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Paul Rübig, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Iuliu Winkler
S&D	Maria Arena, Karoline Graswander-Hainz, Bernd Lange, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Joachim Schuster

<b>8</b>	<b>-</b>
ECR	David Campbell Bannerman, Ralph Packet, Jan Zahradil
GUE/NGL	Eleonora Forenza, Lola Sánchez Caldentey, Helmut Scholz
VERTS/ALE	Klaus Buchner, Heidi Hautala

<b>1</b>	<b>0</b>
GUE/NGL	Anne-Marie Mineur

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni